**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat: Dr. Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Kumpilazzjoni numru 51/2021**

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard Charles Spiteri**

**Vs**

**Gabriel Farrugia Hardie**

**Illum 25 ta' April 2023**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront ta' Gabriel Farrugia Hardie, ta' 26 sena, detentur tal-karta tal-Identita' 526394(M) li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

*…. nhar l-1 ta' Settembru 2021, għall-habta ta' 3.15p.m. u fil-ħinijiet u l-ġranet ta' qabel gewwa din il-Gzira ta' Għawdex;*

1. *Irrenda ruħu kompliċi fir-reat ta' ħruq volontarju ta' nar fuq vettura bil-mutur tal-għamla Mitsubishi Canter bil-pjanċa tar-reġistrazzjoni TOW222 u kif ukoll fuq bini ta' Gozo Football Association u dan għad-detriment ta' Godwin Mizzi u ta' Gozo Football Association, u/jew persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikoli 42 u 318 tal-Kap. 9;*

2. *U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu kompliċi f'reat ta' ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara taqbeż aktar minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) u li saret għad-dannu ta' Godwin Mizzi, Gozo Football Association u/jew persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikoli 42 u 325(a) tal-Kap. 9;*

3. *U aktar talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati li huma definitivi li ma jistgħux jiġu mibdula jew mħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9.*

Rat l-artikoli ndikati.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2021, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li huwa ngħata żmien raġjonevoli sabiex jirrikonsidra.

Rat dak li ġie vverbalizzat fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2021.

Rat il-pre-sentencing report imħejji.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiża.

Semgħet trattazzjoni finali.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl tal-ammissjoni magħmula, din il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputat ħati ta′ l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni.

Madanakollu, dwar it-tielet imputazzjoni, minkejja l-ammissjoni ta′ l-imputat, jirriżulta mill-fedina penali ta′ l-istess imputat li l-imputat kien ingħata zewġ ordnijiet ta′ probation u R/A u għalhekk, in linea ma′ dak li ntqal minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fit-28 ta' Lulju, 2010 Numru 253/2006 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Stephen Mallia) Versus Otis Cassar, *"Dwar l-addebitu tar-reċidiva, il-Qorti dan ma jissussistix għaliex s-sentenzi esibiti jew hemm liberatorju bi probation jew inkella leħqu għaddew il-ħames snin mit-tmiem ta' meta l-imputat serva s-sentenzi tiegħu. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-addebitu tar-reċidiva*." Ghalhekk din il-Qorti sejra tillibera lil imputat mit-tielet imputazzjoni u cioe' dik tar-reċidiva.

Dwar il-piena, din il-Qorti qieset il-fatti kollha ta' dan il-każ u eżaminat l-atti proċesswali. Qieset ukoll il-pre-setencing report eżebit. Ikkunsidrat ix-xhieda mogħtija minn Dr Mark Xuereb.

Din il-Qorti qieset fit-tul il-kontenut tal-pre-sentencing report imħejji fejn ġiet suġġerita piena karċerarja. Il-Qorti izda wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-kundizzjoni medika tal-imputat hekk kif spjegatha minn Dr Mark Xuereb, l-involviment ta' l-imputat f' dan l-inċident u kif ukoll dak li ġie vverbalizzat fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2021 mill-istess difiza, tqies li l-piena karċerarja suġġerita mill-probation officer mhijiex il-piena idoneja fiċ-ċirkostanzi. Fiċ-ċirkostanzi, il-

Qorti tqies li l-piena idoneja għandha tkun dik ta' Ordni ta' Probation flimkien ma' ordni ta' trattament. In fatti, din il-Qorti tqies li jeżistu raġunijiet bizzejjed sabiex jiġi applikat l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar id-danni sofferti mill-vittma, din il-Qorti hija konxja tal-fatt li kif irriżulta mill-atti proċesswali, ġia' ngħatat sentenza fir-rigward ta' Julian Calleja fejn ġie ordnat li jħallas s-somma ta' EUR 10,000 bhala parti mid-danni sofferti mill-vittma in konnessjoni ma' dan l-inċident. Irriżulta wkoll minn qari tas-sentenza Pulizija vs Julian Calleja eżebita a fol 84 et seq tal-proċess, u preċiżament f' paġna 3 ta' l-istess sentenza, li tressqu erba' persuni oħra li kienu involuti f' dan il-każ apparti l-istess Julian Calleja, u ċioe' l-imputat odjern, ċerta Katianne Muscat (li wkoll ġiet ippreżentata s-sentenza mogħtija fir-rigward tagħha f' dawn l-atti a fol 99 et seq tal-process) u żewġ persuni oħra.

Fl-isfond ta' dan kollu, fiċ-ċirkostanzi odjerni fejn sa issa għad hemm proċeduri li għadhom pendenti fil-konfront ta' terzi persuni oħra in konnessjoni ma' dan l-istess inċident, din il-Qorti mhijiex tal-fehma li għandha tagħti ordni ta' ħlas dwar id-danni sofferti mill-vittma. Dana qed jingħadd mingħajr l-ebda preġudizzju għal kwalunkwe rimedji ohra ċivili li għandu a dispozzizzjoni tiegħu l-istess vittma sabiex jirkupra u jiġi kkumpensat tad-danni kollha sofferti minnu.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda tillibera lil imputat mit-tielet imputazzjoni u ċioe' mill-addebitu tar-reċidiva mentri wara li rat l-artikoli 42, 318 u 325(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu, izda billi hija tal-fehma li jissussistu l-elementi ai termini tal-artikolu 7(2) tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lil Gabriel Farrugia Hardie taħt ordni ta' probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mill-lum a tenur tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-

Liġijiet ta' Malta, liema ordni hija suġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u annessa ma' din is-sentenza.

In oltre, il-Qorti qegħda tqiegħed lil hati taht ordni ta' trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal perijodu ta' tlett (3) snin, liema ordni hija suġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u annessa ma' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni ta' probation u tal-ordni ta' trattament u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f' każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'kaz li jagħmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' probation u ta' l-ordni ta' trattament, jista' jingħata sentenza għar-reati li taghhom instab ħati b' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-artikolu 7(8) tal-kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, tal-Ordni ta' Probation u ta' l-Ordni ta' Trattament mogħtija b'digrieti tal-llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jiġi assenjat uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' l-istess ħati.

Finalment il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li fit-terminu stipulat fl-istess artikolu, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza odjerna.

(ft.) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur